**Il-Parlament Ewropew**
2019-2024

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2023/0076(COD)**

29.6.2023

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) 2019/942 biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa
(COM(2023)0147 – C9-0050/2023 – 2023/0076(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Ondřej Kovařík

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) L-istrumenti finanzjarji, inkluż id-derivattivi tal-enerġija, negozjati fis-swieq tal-enerġija għandhom importanza dejjem akbar. Minħabba l-interrelazzjoni dejjem eqreb bejn is-swieq finanzjarji u s-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jenħtieġ li jiġi allinjat aħjar mal-leġiżlazzjoni tas-swieq finanzjarji bħar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], inkluż fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' manipulazzjoni tas-suq u informazzjoni privileġġata, rispettivament. B'mod aktar speċifiku, id-definizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jenħtieġ li tiġi aġġustata xi ftit biex tkun tirrifletti l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Għal dak il-għan, id-definizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jenħtieġ li tiġi aġġustata biex tkun tinkludi d-dħul f'xi tranżazzjoni jew il-ħruġ ta' xi ordni biex isir negozju, iżda anki kull imġiba oħra relatata mal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa li: (i) tagħti, jew li aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa b'rabta mal-provvista ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, mad-domanda għalihom, jew mal-prezz tagħhom; (ii) tiżgura, jew li aktarx tiżgura, minn persuna/i li jaġixxu b'kollaborazzjoni, il-prezz ta' prodott tal-enerġija bl-ingrossa wieħed jew aktar f'livell artifiċjali, jew li (iii) tħaddem apparat fittizju jew xi forma | (2) ***Dawk il-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa li huma*** l-istrumenti finanzjarji, inkluż id-derivattivi tal-enerġija, negozjati fis-swieq tal-enerġija għandhom importanza dejjem akbar. Minħabba l-interrelazzjoni dejjem eqreb bejn is-swieq finanzjarji u s-swieq tal-enerġija bl-ingrossa, ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jenħtieġ li jiġi allinjat aħjar mal-leġiżlazzjoni tas-swieq finanzjarji bħar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17], inkluż fir-rigward tad-definizzjonijiet ta' manipulazzjoni tas-suq u informazzjoni privileġġata, rispettivament***. L-allinjament bejn dan ir-Regolament u l-leġiżlazzjoni tas-swieq finanzjarji jenħtieġ li jiżgura li l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, li jissorveljaw is-swieq tal-enerġija, u l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti, li jissorveljaw is-swieq finanzjarji, ikunu jistgħu japplikaw il-leġiżlazzjoni rilevanti billi jqisu l-ispeċifiċitajiet tas-swieq tal-enerġija***. B'mod aktar speċifiku, id-definizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq fir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jenħtieġ li tiġi aġġustata xi ftit biex tkun tirrifletti l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014. Għal dak il-għan, id-definizzjoni ta' manipulazzjoni tas-suq skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011 jenħtieġ li tiġi aġġustata biex tkun tinkludi d-dħul f'xi tranżazzjoni jew il-ħruġ ta' xi ordni biex isir negozju, iżda anki kull imġiba oħra relatata mal-prodotti tal- |

| | |
|---|---|
| oħra ta’ qerq jew ta’ strataġemma li jagħtu, jew li aktarx jagħtu, sinjali foloz jew qarrieqa b’rabta mal-provvista ta’ prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, mad-domanda għalihom, jew mal-prezz tagħhom. | enerġija bl-ingrossa li: (i) tagħti, jew li aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa b’rabta mal-provvista ta’ prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, mad-domanda għalihom, jew mal-prezz tagħhom; (ii) tiżgura, jew li aktarx tiżgura, minn persuna/i li jaġixxu b’kollaborazzjoni, il-prezz ta’ prodott tal-enerġija bl-ingrossa wieħed jew aktar f’livell artifiċjali, jew li (iii) tħaddem apparat fittizju jew xi forma oħra ta’ qerq jew ta’ strataġemma li jagħtu, jew li aktarx jagħtu, sinjali foloz jew qarrieqa b’rabta mal-provvista ta’ prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, mad-domanda għalihom, jew mal-prezz tagħhom. ***Madankollu, jenħtieġ li l-kamp ta’ applikazzjoni ta’ dan ir-Regolament ma jkunx dupplikazzjoni tar-regolamentazzjoni settorjali tas-swieq finanzjarji. Għalhekk, l-istrumenti finanzjarji kif definiti fid-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17a] jenħtieġ li jitneħħew mill-kamp ta’ applikazzjoni.*** |
| [17] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1). | [17] Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).<br>***17a Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta’ Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).*** |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Anki d-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata jenħtieġ li tiġi ***aġġustata, biex tkun tirrifletti r-Regolament*** (UE) Nru 596/2014. B'mod partikolari, meta l-informazzjoni privileġġata tkun tikkonċerna proċess li jsir fi stadji, kull stadju tal-proċess u l-proċess ġenerali jistgħu jikkostitwixxu informazzjoni privileġġata. Pass intermedju fi proċess fit-tul jista' fih innifsu jikkostitwixxi sett ta' ċirkostanzi jew avveniment li jeżisti, jew fejn ikun hemm prospett realistiku li dawn se jkunu jeżistu jew iseħħu, abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-fatturi eżistenti fiż-żmien rilevanti. Iżda dak il-kunċett jenħtieġ li ma jiġix interpretat li jfisser li jrid jitqies id-daqs tal-effett ta' dak is-sett ta' ċirkostanzi jew dak l-avveniment fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati. Pass intermedju jenħtieġ li jitqies bħala informazzjoni privileġġata jekk, fih innifsu, ikun jissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament għal informazzjoni privileġġata. | (3) Anki d-definizzjoni ta' informazzjoni privileġġata jenħtieġ li tiġi ***allinjata mar-Regolament*** (UE) Nru 596/2014. B'mod partikolari, meta l-informazzjoni privileġġata tkun tikkonċerna proċess li jsir fi stadji, kull stadju tal-proċess u l-proċess ġenerali jistgħu jikkostitwixxu informazzjoni privileġġata. Pass intermedju fi proċess fit-tul jista' fih innifsu jikkostitwixxi sett ta' ċirkostanzi jew avveniment li jeżisti, jew fejn ikun hemm prospett realistiku li dawn se jkunu jeżistu jew iseħħu, abbażi ta' valutazzjoni ġenerali tal-fatturi eżistenti fiż-żmien rilevanti. Iżda dak il-kunċett jenħtieġ li ma jiġix interpretat li jfisser li jrid jitqies id-daqs tal-effett ta' dak is-sett ta' ċirkostanzi jew dak l-avveniment fuq il-prezzijiet tal-istrumenti finanzjarji kkonċernati. Pass intermedju jenħtieġ li jitqies bħala informazzjoni privileġġata jekk, fih innifsu, ikun jissodisfa l-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament għal informazzjoni privileġġata. |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti nazzjonali hi aspett ċentrali tal-kooperazzjoni u l-identifikazzjoni ta' ksur potenzjali, kemm fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa kif ukoll fis-swieq finanzjarji. Fid-dawl tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 fil-livell nazzjonali, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ li jikkondividu l- | (5) Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti nazzjonali hi aspett ċentrali tal-kooperazzjoni u l-identifikazzjoni ta' ksur potenzjali, kemm fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa kif ukoll fis-swieq finanzjarji. Fid-dawl tal-iskambju tal-informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti skont ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 fil-livell nazzjonali, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali jenħtieġ li jikkondividu l- |

| | |
|---|---|
| informazzjoni rilevanti li jirċievu mal-awtoritajiet nazzjonali finanzjarji u mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. | informazzjoni rilevanti li jirċievu mal-awtoritajiet nazzjonali finanzjarji u mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni***, kif ukoll mal-Aġenzija Ewropea għall-Kooperazzjoni tar-Regolaturi tal-Enerġija (ACER) u l-ESMA***. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(5a) Jenħtieġ li l-ACER u l-ESMA jikkoordinaw bejniethom mill-qrib għall-attivitajiet superviżorji tagħhom, inkluż dwar, iżda mhux limitat għal, kwistjonijiet li jirriżultaw mill-adozzjoni ta' dan ir-Regolament sabiex jiġi żgurat li l-aktar settijiet ta' data kompluti jkunu disponibbli u li l-awtoritajiet regolatorji Ewropej jew nazzjonali jew l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti jkunu jistgħu jieħdu azzjoni skont il-ħtieġa, kif applikabbli. Jenħtieġ li l-ACER u l-ESMA b'mod partikolari jesploraw l-arranġamenti sabiex jiġi żgurat li l-fluss ta' informazzjoni bejniethom u l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti ma jkunx ostakolat, u biex ikun jista' jkollhom, f'kull ħin, ħarsa ġenerali tas-swieq tal-enerġija fl-Unjoni.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-użu tat-teknoloġija tan-negozjar evolva ġmielu fl-aħħar għaxar snin, u t-teknoloġija qed tintuża dejjem aktar fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa. Ħafna | (8) L-użu tat-teknoloġija tan-negozjar evolva ġmielu fl-aħħar għaxar snin, u t-teknoloġija qed tintuża dejjem aktar fis-swieq tal-enerġija bl-ingrossa. Ħafna |

| | |
|---|---|
| parteċipanti fis-suq jużaw tekniki ta' negozjar algoritmiku u ta' algoritmi ta' frekwenza għolja b'intervent uman minimu jew bla intervent uman. Ir-riskji li joħolqu dawn il-prattiki jenħtieġ li jiġu indirizzati skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011. | parteċipanti fis-suq jużaw tekniki ta' negozjar algoritmiku u ta' algoritmi ta' frekwenza għolja b'intervent uman minimu jew bla intervent uman. Ir-riskji li joħolqu dawn il-prattiki jenħtieġ li jiġu indirizzati ***b'mod ċar*** skont ir-Regolament (UE) Nru 1227/2011. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ li jidentifika negozjar potenzjali bbażat fuq informazzjoni privileġġata u l-kwalità tad-data tal-informazzjoni miġbura, ***jeħtieġ li l-ġbir*** tal-informazzjoni privileġġata jiġi allinjat mal-proċessi attwali tar-rappurtar tad-data dwar il-kummerċ. | (13) Biex jiġi ffaċilitat il-monitoraġġ li jidentifika negozjar potenzjali bbażat fuq informazzjoni privileġġata u l-kwalità tad-data tal-informazzjoni miġbura, ***il-ġbir*** tal-informazzjoni privileġġata ***jeħtieġ li*** jiġi allinjat mal-proċessi attwali tar-rappurtar tad-data dwar il-kummerċ ***filwaqt li jkun żgurat li jiġu mminimizzati d-duplikazzjonijiet tar-rappurtar li jirriżultaw mill-obbligi taħt partijiet oħra ta' leġiżlazzjoni marbuta, bħal-leġiżlazzjoni dwar servizzi finanzjarji***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Filwaqt li l-ġbir tad-data huwa imperattiv, jeħtieġ ukoll li niffaċilitaw l-istandards tar-rappurtar b'mod orizzontali fil-leġiżlazzjoni tal-UE biex nevitaw rappurtar idduplikat mill-parteċipanti fis-suq*

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) L-Aġenzija jenħtieġ li tingħata s-setgħa li twettaq investigazzjonijiet billi tagħmel spezzjonijiet fuq il-post u toħroġ talbiet għall-informazzjoni lill-persuni li jkunu qed jiġu investigati, b'mod | (22) L-Aġenzija jenħtieġ li tingħata s-setgħa li twettaq investigazzjonijiet billi tagħmel spezzjonijiet fuq il-post u toħroġ talbiet għall-informazzjoni lill-persuni li jkunu qed jiġu investigati, b'mod |

partikolari meta l-ksur suspettat tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 ikollu dimensjoni transfruntiera ċara. Fit-twettiq tal-ispezzjonijiet fuq il-post u fil-ħruġ tat-talbiet għall-informazzjoni lill-persuni li jkunu qed jiġu investigati, l-Aġenzija jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib u b'mod attiv mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jipprovdu assistenza sħiħa lill-Aġenzija, inkluż meta persuna tirrifjuta li tkun soġġetta għall-ispezzjoni jew li tipprovdi l-informazzjoni mitluba. Hu importanti li l-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet tal-Aġenzija jiġu rispettati għalkollox. Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sottomessa mill-persuni soġġetti għall-investigazzjoni jenħtieġ li tiġi ssalvagwardjata u skambjata f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

partikolari meta l-ksur suspettat tar-Regolament (UE) Nru 1227/2011 ikollu dimensjoni transfruntiera ċara. Fit-twettiq tal-ispezzjonijiet fuq il-post u fil-ħruġ tat-talbiet għall-informazzjoni lill-persuni li jkunu qed jiġu investigati, l-Aġenzija jenħtieġ li tikkoopera mill-qrib u b'mod attiv mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali rilevanti, li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jipprovdu assistenza sħiħa lill-Aġenzija, inkluż meta persuna tirrifjuta li tkun soġġetta għall-ispezzjoni jew li tipprovdi l-informazzjoni mitluba. ***Fejn tqis li dan huwa meħtieġ, l-Aġenzija jenħtieġ li tikkoopera wkoll mill-qrib mal-ESMA fir-rigward tal-ispezzjonijiet fuq il-post.*** Hu importanti li l-garanziji proċedurali u d-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati tal-persuni soġġetti għall-investigazzjonijiet tal-Aġenzija jiġu rispettati għalkollox. Il-kunfidenzjalità tal-informazzjoni sottomessa mill-persuni soġġetti għall-investigazzjoni jenħtieġ li tiġi ssalvagwardjata u skambjata f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data.

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 - paragrafu 1 - punt 1 - punt a**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 1 – paragrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Dan ir-Regolament japplika għan-negozjar tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa. Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2014/65, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-attivitajiet li jinvolvu strumenti finanzjarji ***kif definit skont l-Artikolu 4(1)(15) tad-Direttiva (UE) 2014/65*** kif ukoll għall-applikazzjoni tal-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni għall-prattiki koperti minn dan ir- | 2. Dan ir-Regolament japplika għan-negozjar tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa. ***L-Artikoli 3, 5, 5a u l-Artikolu 9(1), it-tieni subparagrafu, ta' dan ir-Regolament ma għandhomx japplikaw għall-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa li jkunu strumenti finanzjarji kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt 15, tad-Direttiva (UE) 2014/65 u li għalihom japplika l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 596/2014.*** Dan ir-Regolament hu mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni |

| | |
|---|---|
| Regolament. | tad-Direttiva (UE) 2014/65, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014***, ir-Regolament (UE) Nru 596/2014*** u r-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward tal-attivitajiet li jinvolvu strumenti finanzjarji kif ukoll għall-applikazzjoni tal-liġi Ewropea dwar il-kompetizzjoni għall-prattiki koperti minn dan ir-Regolament. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 1 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Aġenzija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-ESMA u l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti tal-Istati Membri għandhom ***b'mod partikolari*** jiskambjaw informazzjoni u data rilevanti b'mod regolari***, mill-inqas kull tliet xhur,*** rigward ksur potenzjali tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jinvolvi l-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa koperti minn dan ir-Regolament. | L-Aġenzija, l-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, l-ESMA u l-awtoritajiet finanzjarji kompetenti tal-Istati Membri għandhom jiskambjaw informazzjoni u data rilevanti b'mod regolari rigward ksur potenzjali tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jinvolvi l-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa koperti minn dan ir-Regolament. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 2 – punt a – parti introduttorja

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-parteċipazzjoni fi tranżazzjoni***, il-ħruġ*** ta' ordni jew l-involviment fi mġiba oħra relatata ma' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, li: | (a) il-parteċipazzjoni fi ***kwalunkwe*** tranżazzjoni ***jew it-tqegħid*** ta' ***kwalunkwe*** ordni jew l-involviment fi ***kwalunkwe*** mġiba oħra relatata ma' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, li: |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 2 – punt a – punt i

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) tagħti, jew li aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa b'rabta mal-provvista ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, mad-domanda għalihom, jew mal-prezz tagħhom; | (i) tagħti, jew li aktarx tagħti, sinjali foloz jew qarrieqa b'rabta mal-provvista ta' prodotti tal-enerġija bl-ingrossa, mad-domanda għalihom, jew mal-prezz tagħhom; ***jew*** |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 2 – punt a – punt ii – subparagrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) tiżgura, jew li aktarx tiżgura, minn persuna/i li jaġixxu b'kollaborazzjoni, il-prezz ta' prodott tal-enerġija bl-ingrossa wieħed jew aktar f'livell artifiċjali, | (ii) tiżgura, jew li aktarx tiżgura, minn persuna/i li jaġixxu b'kollaborazzjoni, il-prezz ta' prodott tal-enerġija bl-ingrossa wieħed jew aktar f'livell artifiċjali, |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt c**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 2 – punt a – punt ii – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| sakemm ***il-persuna*** li ***daħlet*** fit-tranżazzjoni jew ***qiegħdet*** l-ordni għan-negozjar ma ***tistabbilix*** li r-raġunijiet ***tagħha*** biex ***tagħmel*** dan huma leġittimi u li dik it-tranżazzjoni jew l-ordni għan-negozjar jikkonformaw ma' prattiki aċċettati tas-suq tal-enerġija bl-ingrossa kkonċernat; jew | sakemm ***il-persuni*** li ***daħlu*** fit-tranżazzjoni jew ***qiegħdu*** l-ordni għan-negozjar ma ***jistabbilixxux*** li r-raġunijiet ***tagħhom*** biex ***jagħmlu*** dan huma leġittimi u li dik it-tranżazzjoni jew l-ordni għan-negozjar jikkonformaw ma' prattiki aċċettati tas-suq tal-enerġija bl-ingrossa kkonċernat; jew |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt g**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 7

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) "parteċipant fis-suq" tfisser persuna, ***inkluż*** operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni ***u persuni li professjonalment jirranġaw jew iwettqu tranżazzjonijiet meta jinnegozjaw f'isimhom stess***, li jidħlu fi tranżazzjonijiet, inkluż it-tqegħid ta' ordnijiet għan-negozjar, f'suq tal-enerġija bl-ingrossa wieħed jew aktar; "; | (7) "parteċipant fis-suq" tfisser ***kwalunkwe*** persuna, ***inklużi*** operaturi tas-sistema tat-trażmissjoni***, operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni, operaturi tas-sistema tal-ħżin u operaturi tas-sistema LNG***, li jidħlu fi tranżazzjonijiet, inkluż it-tqegħid ta' ordnijiet għan-negozjar, f'suq tal-enerġija bl-ingrossa wieħed jew aktar; "; |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt h**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 8

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8a) "persuna li professjonalment tirranġa ***jew twettaq*** tranżazzjonijiet" tfisser persuna li tkun involuta b'mod professjonali fil-wasla u t-trażmissjoni tal-ordnijiet ***tal-prodotti*** tal-enerġija bl-ingrossa, jew ***fit-twettiq*** tat-tranżazzjonijiet ***tal-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa***;"; | (8a) "persuna li professjonalment tirranġa tranżazzjonijiet" tfisser persuna li tkun involuta b'mod professjonali fil-wasla u t-trażmissjoni tal-ordnijiet ***għall-prodotti*** tal-enerġija bl-ingrossa ***li mhumiex strumenti finanzjarji***, jew ***fl-arranġament*** tat-tranżazzjonijiet ***rigward l-istess prodotti***;"; |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 17

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) "pjattaforma tal-informazzjoni privileġġata" jew "IIP" tfisser persuna reġistrata skont dan ir-Regolament biex tipprovdi s-servizz ta' operat ta' pjattaforma għall-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata u r-rappurtar tal-informazzjoni privileġġata żvelata lill-Aġenzija ***f'isem il-parteċipanti fis-suq***. | (17) "pjattaforma tal-informazzjoni privileġġata" jew "IIP" tfisser persuna reġistrata skont dan ir-Regolament biex tipprovdi s-servizz ta' operat ta' pjattaforma għall-iżvelar tal-informazzjoni privileġġata u r-rappurtar tal-informazzjoni privileġġata żvelata lill-Aġenzija. |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 18a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(18a) "kuntratt tal-enerġija bl-ingrossa barra l-borża (OTC)" tfisser kuntratt tal-enerġija bl-ingrossa li l-eżekuzzjoni tiegħu sseħħ bilateralment bejn il-parteċipanti fis-suq jew permezz ta' sensar u mhux fuq skambju tal-enerġija.*** |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 20

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) "suq organizzat" ("OMP") tfisser skambju tal-enerġija, sensar tal-enerġija, pjattaforma tal-kapaċità tal-enerġija jew xi persuna oħra li professjonalment tirranġa jew twettaq tranżazzjonijiet, ***inkluż il-provdituri*** tal-kotba tal-ordnijiet kondiviżi, iżda ***eskluż in-negozjar*** purament bilaterali meta żewġ persuni fiżiċi jidħlu f'kull kummerċ f'isimhom stess**.** | (20) "suq organizzat" ("OMP") tfisser skambju tal-enerġija, sensar tal-enerġija, pjattaforma tal-kapaċità tal-enerġija jew xi persuna oħra li professjonalment tirranġa jew twettaq tranżazzjonijiet, ***inklużi l-forniturи*** tal-kotba tal-ordnijiet kondiviżi, iżda ***eskluži ċ-ċentri tan-negozjar kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (24), tad-Direttiva 2014/65/UE u n-negozjar*** |

| | |
|---|---|
| | purament bilaterali meta żewġ persuni fiżiċi jidħlu f'kull kummerċ f'isimhom stess***;*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 21

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (21) "negozjar tal-LNG" tfisser ***talbiet***, ***offerti jew tranżazzjonijiet għax-xiri jew għall-bejgħ ta' LNG***: (a) li jispeċifikaw it-twassil fl-Unjoni; (b) li jirriżultaw fi twassil fl-Unjoni; jew (c) meta kontroparti minnhom terġa' taqleb l-LNG f'gass ġo terminal fl-Unjoni**.** | (21) "negozjar tal-LNG" tfisser ***li wieħed jidħol fi kwalunkwe tranżazzjoni***, ***inklużi ordnijiet għall-kummerċ f'suq organizzat, relatat max-xiri jew il-bejgħ tal-LNG***: (a) li jispeċifikaw it-twassil fl-Unjoni; (b) li jirriżultaw fi twassil fl-Unjoni; jew (c) meta kontroparti minnhom terġa' taqleb l-LNG f'gass ġo terminal fl-Unjoni***;*** |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 24a (ġdid)

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(24a) "parametru referenzjarju" tfisser kwalunkwe indiċi li mhuwiex parametru referenzjarju kif definit fl-Artikolu 3(1), il-punt (29), tar-Regolament (UE) 596/2014 u li huwa ddeterminat perjodikament jew regolarment bl-applikazzjoni ta' formula għall-prodotti tal-enerġija bl-ingrossa sottostanti, jew fuq il-bażi tagħhom, inklużi l-prezzijiet stmati, li b'referenza għalihom jiġi ddeterminat l-ammont pagabbli għal prodott tal-enerġija bl-ingrossa jew kuntratt relatat ma' prodott tal-enerġija bl-ingrossa, jew il-valur ta' prodott tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***enerġija bl-ingrossa, dment li l-prodott tal-enerġija bl-ingrossa ma jkunx strument finanzjarju;*** |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2 – punt j**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 2 – punt 25

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) "parametru referenzjarju tal-LNG" tfisser ***id-determinazzjoni ta' firxa bejn il-valutazzjoni tal-prezz*** tal-LNG ***ta' kuljum u l-prezz tas-saldu għall-kuntratt ta' xahar bil-quddiem ta' TTF Gas Futures stabbilit kuljum minn ICE Endex Markets B.V.*** | (25) "Parametru referenzjarju tal-LNG" tfisser ***parametru referenzjarju fir-rigward tan-negozjar*** tal-LNG***.*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 3 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| "L-użu tal-informazzjoni privileġġata billi tiġi ***kkanċellata*** jew ***emendata*** ordni rigward prodott tal-enerġija bl-ingrossa li dwaru hija l-informazzjoni, meta l-ordni tkun saret qabel ma l-persuna kkonċernata tkun ġiet fil-pussess tal-informazzjoni privileġġata, għandu jitqies ukoll bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata.***";* | "L-użu tal-informazzjoni privileġġata billi ***jiġu kkanċellati ordnijiet jew*** tiġi ***emendata*** jew ***modifikata*** ordni ***eżistenti, l-istabbiliment ta' rabtiet jew dipendenzi bejn l-ordnijiet,*** rigward prodott tal-enerġija bl-ingrossa li dwaru hija l-informazzjoni, meta l-ordni tkun saret qabel ma l-persuna kkonċernata tkun ġiet fil-pussess tal-informazzjoni privileġġata, għandu jitqies ukoll bħala abbuż minn informazzjoni privileġġata. |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 5a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Parteċipant fis-suq li jinvolvi ruħu f'negozjar algoritmiku għandu jkollu fis-seħħ sistemi effettivi u kontrolli tar-riskju xierqa għan-negozju li jopera biex jiżgura li s-sistemi tan-negozjar tiegħu jkunu reżiljenti u jkollhom kapaċità biżżejjed, ikunu soġġetti għal livelli massimi u limiti xierqa tan-negozjar, u jevitaw li jintbagħtu ordnijiet żbaljati għan-negozjar jew ***inkella*** li s-sistemi jiffunzjonaw b'mod li jista' joħloq jew ***jikkontribwixxi għal suq diżordinat***. Il-parteċipant fis-suq għandu jkollu fis-seħħ ukoll sistemi effettivi u kontrolli tar-riskju biex jiżgura li s-sistemi tan-negozjar ikunu konformi ma' dan ir-Regolament u mar-regoli ta' suq organizzat li miegħu jkun konness. Il-parteċipant fis-suq għandu jkollu fis-seħħ arranġamenti effettivi tal-kontinwità tal-operat biex jindirizza kull falliment tas-sistemi tan-negozjar tiegħu u għandu jiżgura li s-sistemi tiegħu jiġu ttestjati għalkollox u monitorjati sew biex ikun żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu. | 1. Parteċipant fis-suq li jinvolvi ruħu f'negozjar algoritmiku għandu jkollu fis-seħħ sistemi effettivi u kontrolli tar-riskju xierqa għan-negozju li jopera biex jiżgura li s-sistemi tan-negozjar tiegħu jkunu reżiljenti u jkollhom kapaċità biżżejjed, ikunu soġġetti għal livelli massimi u limiti xierqa tan-negozjar, u jevitaw li jintbagħtu ordnijiet żbaljati għan-negozjar jew li s-sistemi jiffunzjonaw b'mod li jista' joħloq ***suq diżordinat*** jew ***volatilità eċċessiva tas-suq jew li jista' jikkontribwixxi għalihom***. Il-parteċipant fis-suq għandu jkollu fis-seħħ ukoll sistemi effettivi u kontrolli tar-riskju biex jiżgura li s-sistemi tan-negozjar ikunu konformi ma' dan ir-Regolament u mar-regoli ta' suq organizzat li miegħu jkun konness. Il-parteċipant fis-suq għandu jkollu fis-seħħ arranġamenti effettivi tal-kontinwità tal-operat biex jindirizza kull falliment tas-sistemi tan-negozjar tiegħu u għandu jiżgura li s-sistemi tiegħu jiġu ttestjati għalkollox u monitorjati sew ***minn persuna dežinjata waħda jew aktar fuq bażi regolari*** biex ikun żgurat li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu. |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 5a – paragrafu 2 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-parteċipant fis-suq għandu jagħmel arranġamenti biex jinżammu rekords dwar il-punti msemmija f'dan il-paragrafu u għandu jiżgura li dawk ir-rekords ikunu | Il-parteċipant fis-suq għandu jagħmel arranġamenti biex jinżammu rekords dwar il-punti msemmija f'dan il-paragrafu ***għal perjodu ta' ħames snin,*** u għandu jiżgura |

| | |
|---|---|
| biżżejjed biex l-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu tkun tista' timmonitorja l-konformità ma' dan ir-Regolament. | li dawk ir-rekords ikunu biżżejjed biex l-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu tkun tista' timmonitorja l-konformità ma' dan ir-Regolament. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 5a – paragrafu 3 – subparagrafu 3

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-parteċipant fis-suq għandu jagħmel arranġamenti biex jinżammu rekords dwar ***il-materji msemmija*** f'dan il-paragrafu u għandu jiżgura li dawk ir-rekords ikunu biżżejjed biex l-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu tkun tista' timmonitorja l-konformità ma' dan ir-Regolament. | Il-parteċipant fis-suq għandu jagħmel arranġamenti biex jinżammu rekords dwar ***il-kwistjonijiet imsemmija*** f'dan il-paragrafu ***għal perjodu ta' hames snin,*** u għandu jiżgura li dawk ir-rekords ikunu biżżejjed biex l-awtorità regolatorja nazzjonali tiegħu tkun tista' timmonitorja l-konformità ma' dan ir-Regolament. |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 13a – paragrafu 1

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Aġenzija għandha tħejji u twettaq spezzjonijiet fuq il-post b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat. | 1. L-Aġenzija għandha tħejji u twettaq spezzjonijiet fuq il-post b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet rilevanti tal-Istat Membru kkonċernat ***u, fejn tqis li hu meħtieġ, mal-ESMA***. |

Emenda 27

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15**
Ir-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) Nru 2019/942
Artikolu 13a – paragrafu 4

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 4. Fi żmien suffiċjenti qabel l-ispezzjoni, l-Aġenzija għandha tagħti avviż tal-ispezzjoni lill-awtorità regolatorja nazzjonali u lil awtoritajiet ikkonċernati oħra tal-Istat Membru fejn tkun se ssir l-ispezzjoni. ***L-ispezzjonijiet skont dan l-Artikolu għandhom isiru diment li l-awtorità rilevanti tkun ikkonfermat li ma toġġezzjonax għal dawk l-ispezzjonijiet.*** | 4. Fi żmien suffiċjenti qabel l-ispezzjoni, l-Aġenzija għandha tagħti avviż tal-ispezzjoni lill-awtorità regolatorja nazzjonali u lil awtoritajiet ikkonċernati oħra tal-Istat Membru fejn tkun se ssir l-ispezzjoni. |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Emenda tar-Regolamenti (UE) Nru 1227/2011 u (UE) 2019/942 biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-Unjoni mill-manipulazzjoni tas-suq fis-suq tal-enerġija bl-ingrossa |
| **Referenzi** | COM(2023)0147 – C9-0050/2023 – 2023/0076(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ITRE<br>29.3.2023 |
| **Opinjoni(jiet) mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>29.3.2023 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Ondřej Kovařík<br>20.4.2023 |
| **Data tal-adozzjoni** | 28.6.2023 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 42<br>–: 10<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Rasmus Andresen, Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Engin Eroglu, Markus Ferber, Jonás Fernández, Valentino Grant, Claude Gruffat, José Gusmão, Michiel Hoogeveen, Danuta Maria Hübner, Stasys Jakeliūnas, France Jamet, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Aurore Lalucq, Philippe Lamberts, Aušra Maldeikienė, Csaba Molnár, Denis Nesci, Luděk Niedermayer, Lefteris Nikolaou-Alavanos, Lídia Pereira, Kira Marie Peter-Hansen, Eva Maria Poptcheva, Antonio Maria Rinaldi, Dorien Rookmaker, Alfred Sant, Joachim Schuster, Ralf Seekatz, Inese Vaidere, Johan Van Overtveldt, Stéphanie Yon-Courtin |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Damien Carême, Niels Fuglsang, Henrike Hahn, Valérie Hayer, Martin Hlaváček, Eugen Jurzyca, Janusz Lewandowski, Chris MacManus, Tonino Picula, Jessica Polfjärd, René Repasi, Eleni Stavrou |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Vladimír Bilčík, Marco Campomenosi, Hannes Heide, Leszek Miller, Patrizia Toia, Juan Ignacio Zoido Álvarez |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
## FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 42 | + |
|---|---|
| ECR | Michiel Hoogeveen, Eugen Jurzyca, Denis Nesci, Johan Van Overtveldt |
| ID | Marco Campomenosi, Valentino Grant, France Jamet, Antonio Maria Rinaldi |
| PPE | Anna-Michelle Asimakopoulou, Isabel Benjumea Benjumea, Stefan Berger, Vladimír Bilčík, Markus Ferber, Danuta Maria Hübner, Janusz Lewandowski, Aušra Maldeikienė, Luděk Niedermayer, Lídia Pereira, Jessica Polfjärd, Ralf Seekatz, Eleni Stavrou, Inese Vaidere, Juan Ignacio Zoido Álvarez |
| Renew | Engin Eroglu, Valérie Hayer, Martin Hlaváček, Billy Kelleher, Ondřej Kovařík, Georgios Kyrtsos, Eva Maria Poptcheva, Stéphanie Yon-Courtin |
| S&D | Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Hannes Heide, Aurore Lalucq, Leszek Miller, Csaba Molnár, Tonino Picula, René Repasi, Alfred Sant, Joachim Schuster, Patrizia Toia |

| 10 | - |
|---|---|
| NI | Lefteris Nikolaou-Alavanos |
| The Left | José Gusmão, Chris MacManus |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Damien Carême, Claude Gruffat, Henrike Hahn, Stasys Jakeliūnas, Philippe Lamberts, Kira Marie Peter-Hansen |

| 1 | 0 |
|---|---|
| ECR | Dorien Rookmaker |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni